**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 31 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 1337/01 AE**

**Ruth Psaila**

**vs**

**Anthony Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220), danni sofferti meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru AAI 135 fit-28 ta' Gunju 2001 gewwa Marsascala habat mal-vettura numru LCC 363 propjeta ta' l-attrici, u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Ra li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikat, naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u milli jidher ghas-seduti tat-8 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-attrici tikkonferma bil-gurament kif kienet tinsab f'Wied il-Ghajn fil-karrozza taghha, u f'hin minnhom giet minn wara l-vettura misjuqa minn Anthony Zammit (tal-marka Daewoo) u baqghet diehla fil-parti ta' wara tal-vettura taghha u kkagunatilha hsara.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (ghat-tenur ta' l-Artikolu 13 tal-Kap. 380 ) ikunu ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**